# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR. SILVIO MELI**
**LL.D.; Dip.Stud.Rel.; Dip.Can.Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert.Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha 19 ta' Dicembru tas-sena 2001.**

**Numru 20**

**Avviz numru 562/00/SM**

**Windsor Car Hire Company Limited**

**vs**

**Henry Vella**

**Il-Qorti,**

**Rat l-avviz fuq indikat datat it-3 ta' Marzu tas-sena 2000 li permezz tieghu s-socjeta' attrici sejhet lill-konvenut quddiem din il-qorti sabiex jghid ghaliex m'ghandux ikun ikkundannat:**

**1. Ihallas lill-attur is-somma ta' seba' mija disgha u erbghin lira u erbgha u erbghin centezmu (LM749.44,0) dovuti in linea ta' danni rizultanti minn incident awtomobilistiku li gara fit-22 ta' Mejju 1999 bejn il-vettura taghha numru HMY-**

**134 u dik tieghu Maruti Jeep numru LAA 278 f'Rue D'Argens, il-Gzira, liema incident sehh unikament tort tieghu minhabba negligenza u traskuragni meta fetah il-bieba tal-vettura tieghu waqt li kienet ghaddejja l-vettura HMY 134;**

2. **Bl-ispejjez u bl-imghax relattiv, inkluzi dawk ta' l-ittra bonarja ta' l-20 ta' Novembru, 1999 u ta' l-ittra ufficjali tas-7 ta' Marzu, 2000;**

**Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet datata s-16 ta' Novembru tas-sena 2000 li permezz taghha l-konvenut eccepixxa s-segwenti:**

1. **Illi preliminarjament l-eccipjenti m'ghandu l-ebda relazzjoni giuridika mas-socjeta' attrici;**

2. **Illi minghajr pregudizzju ghal premess, in mertu, l-eccipjent ma kellu ebda tort jew htija fl-incident awtomobilistiku imsemmi fl-avviz, liema incident sehh unikament minhabba n-negligenza, traskuragni u inadempjenza tar-regolamenti tat-traffiku ta' certu Lawrence Sammut li kien qieghed isuq il-vettura HMY-134, u dan kif jigi ppruvat ahjar waqt l-andament tal-kawza, u ghalhekk l-eccipjenti mhux responsabbli ghall-imsemmi incident awtomobilistiku u ghad-danni pretizi mis-socjeta' attrici u d-domandi tas-socjeta' attrici ghandhom kwindi jigu michuda bl-ispejjez;**

3. **Illi in kwalunkwe kaz l-ammont rikjest huwa wiehed eccessiv;**

4. **Salv eccezzjonijiet ohra premessi mill-ligi u dan b'riserva ghal kull azzjoni ohra kompetenti mill-konvenut kontra s-socjeta' attrici jew l-imsemmi Lawrence Sammut;**

**Semghet ix-xhieda prodotta;**

**Rat id-dokumenti esebiti;**

**Semghet it-trattazzjoni orali tar-rapprezentanti legali tal-partijiet;**

**Ikkunsidrat:**

**Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:**

1. **Illi l-kollizjoni in dizamina sehhet ghall-habta tas-1.30 p.m. go Rue D'Argens, il-Gzira, fil-vicinanzi tax-"showroom" ta' Gasan, bejn il-vettura Minibus tal-marka Transit bin-numru HMY-134 misjuqa minn Lawrence Sammut u dik tal-marka Maruti Jeep bin-numru LAA-278 misjuqa mill-konvenut Henry Vella;**

2. **Illi skond id-dinamika tal-fatti kif esposti l-incident jirrizulta li sehh fil-mument li l-vettura tat-tip Minibus kienet qed tinstaq fid-direzzjoni ta' "Savoy Hill", il-vettura tal-marka Maruti, filwaqt li kienet ipparkjata fuq ix-xellug tat-triq, infethitilha l-bieba u sehhet il-kollizjoni;**

3. **Illi l-Minibus kien qed iwassal lit-tfal lura mill-iskola meta x-xufier ta' l-istess kien proprju qieghed jghamel dan u sofriet hsarat mill-mera tal-genb tan-naha tax-xellug tul il-genb kollu sa wara l-bieba;**

4. **Illi d-danni sofferti mis-socjeta' attrici li taghha jirrizulta l-vann de quo jammontaw ghall-seba' mija u disa' u erbghin Lira Maltin u erba' u erbghin centezmu, (LM749.44,0);**

5. **Illi l-konvenut isostni li hu kien ipparkjat fit-triq de quo u meta gie biex johrog mill-vettura tieghu hares kif dovut biex jara kienx gej traffiku;**

6. **Illi hekk kif il-konvenut bexxaq il-bieba tal-vettura tieghu xi pulzier jew pulzier u nofs gie fuqu l-vann in dizamina b'velocita' sostenuta u sar l-impatt;**

7. **Illi effettivament il-vettura tal-konvenut intlaqtet mill-vann de quo fl-"arch wheeler" li tigi qabel il-bieba deskritta fil-paragrafu precedenti;**

**Ikkonsidrat:**

**Illi mid-dinamika ta' l-incident kif fuq deskritt jirrizulta li l-ftuh tal-bieba da parti tal-konvenut ma kienitx il-punctum principis tal-kollizjoni in dizamina;**

**Illi jirrizulta li effettivament il-kollizjoni de quo sehh l-ewwel mal-parti ta' wara tal-vettura tal-konvenut liema vettura tirrizulta li kienet stazzjonarja;**

**Illi ghalhekk ghandu jinghad li l-ftuh tal-bieba mill-konvenut hija rrilevanti ghall-konkluzjonijiet dwar ir-responsabbilita' o meno tal-partijiet ghaliex sehhet fi stadju sussegwent ghall-impatt originali;**

**Ghaldaqstant, in vista tal-premess filwaqt li tilqa' l-eccezzjonijiet sollevati mill-konvenut Henry Vella, tichad it-talbiet attrici bl-ispejjez.**

**John Farrugia**
**Deputat Registratur**